DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 192130** **17.10.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

*Parlament Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2019*

Dalgħodu, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farruġia, mexxa laqgħa ntitolata 'Parlament Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2019', li nżammet fil-Parlament ta' Malta.

Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker wera x-xewqa li kull persuna fis-soċjetà tgħix ħajja tajba u li d-dinjità ta' kull persuna umana tkun imħarsa u rispettata. Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet u l-Libertajiet tal-Bniedem tal-1948 tobbliga l-Istati Membri tal-Ġnus Magħquda sabiex jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet ta' kull persuna umana. Huwa għamel referenza wkoll għall-impenn tal-Istati Membri li jieħdu miżuri tanġibbli li jiżguraw l-għajxien xieraq u dinjituż ta' kull persuna umana. Dawn il-miżuri jinkludu:

- Id-dritt tal-ħajja hu wieħed bażiku u fundamentali;
- Malta u pajjiżi oħra jisħqu li n-nies fqar fid-dinja għadhom ikunu mgħejjuna biex jiksbu livell ta' għajxien xieraq u dinjituż;
- Tittieħed azzjoni konkreta favur l-imġewħin fid-dinja;
- Għajnuna lit-tfal fit-tagħlim biex tingħeleb il-problema tal-illitteriżmu;
- Azzjoni kontra kull forma ta'diskriminazzjoni fis-soċjetà;
- Impenn kollettiv sabiex jintlaħqu l-miri ta' żvilupp sostenibbli;
- Jitħarsu l-istituzzjoni ta' stat demokratiku bil-għan li jissaħħu l-prinċipji u l-valuri tad-demokrazija parlamentari, il-ġustizzja u l-ordni soċjali.

L-Ispeaker Anġlu Farruġia fakkar li l-poplu għandu jagħraf il-livell għoli ta' żvilupp uman li nkiseb mill-poplu Malti tul is-snin, minn meta l-Maltin kisbu rajhom f'idejhom u minkejja n-nuqqas ta' riżorsi f' Malta. "Dan il-progress inkiseb għaliex il-poplu Malti huwa poplu għaqli, ħabrieki, bieżel u jħobb is-sliem u l-paċi fid-dinja. Il-poplu Malti stinka biex għeleb l-isfidi ġeografiċi, gżira lil hinn mill-Ewropa u l-Afrika. Il-poplu stinka billi dawwar l-isfidi f'opportunitajiet u, b'dan il-mod, il-poplu Malti għandu jħares lejn il-ġejjieni tiegħu b'fiduċja u jibni l-ġejjieni tiegħu fuq is-suċċess, kemm tal-imgħoddi, u tal-preżent", tenna l-Ispeaker.

Il-konferenza ġiet indirizzata wkoll mis-Segretarji Parlamentari Clifton Grima u Anthony Agius Decelis, kif ukoll mill-Membri Parlamentari Ryan Callus u Maria Deguara.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt